**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**ĠURISDIZZJONI SUPERJURI**
**SEZZJONI ĠENERALI**

**MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH**
**B.A., LL.D., MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Rikors Ġuramentat Numru 41/2013 SG**

**HSBC Bank Malta plc**

**versus**

**J.T.E. Limited; u Ivan Attard u Noemi Attard**
**għal kull interess li jista' jkollhom**

**Illum, 13 ta' Ġunju 2025**

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors tal-bank attur ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2013, li permezz tiegħu ppremetta illi:

(1) *L-intimata pprezentat Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru 42/2012 JD fl-ismijiet "J.T.E. Limited vs Ivan Attard u Noemi Attard" u fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Marzu 2012 innotifikat lill-esponenti bhala wiehed mis-sekwestratarji f'dak il-mandat;*

(2) *Illi fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April 2012, is-sekwestrati dehru fuq kuntratt li bih huma bieghu propjeta' immobiljari appartenenti lilhom, lil Jason u Frances Attard;*

(3) *Illi fuq dak il-kuntratt, deher ukoll l-esponenti peress li Jason u Frances Attard talbu u ottenew self mingħand l-esponenti sabiex jiffinanzjaw l-akkwist da parti tagħhom ta' dik il-propjeta' immobiljari; u in eżekuzzjoni ta' dak il-kuntratt ta' self, fuq delega mill-kumpraturi, l-esponenti ħallas is-somma ta' erbgħa u sittin elf u mitt euro (€64,100) lil Bank of Valletta plc, li kien da parti tiegħu kreditur ipotekarju u privileġġjat tas-suppost sekwestrati u kellu l-kreditu tiegħu munit b'ipoteka u privileġġ speċjali fuq il-fond mibjugħ insinwata fir-Reġistru Pubbliku, Għawdex fil-Volum I bin-numri 406/2004 u 2044/2066;*

(4) *Illi wara din il-pubblikazzjoni, fil-11 ta' Ġunju 2012, is-soċjeta' intimata odjerna ppreżentat rikors fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 42/2012 JD, fejn talbet li l-esponenti jiġi ordnat jiddepożita minnufih l-ammont sekwestrat ta' ħmistax-il elf mija u tmienja u sittin euro u sbatax-il ċenteżmu (€15,168.17) sabiex tali ammont ikun jista' jiġi rtirat minn min għandu dritt għalih kif tiddisponi l-liġi;*

(5) *Illi minkejja l-opożizzjoni tal-esponenti, din il-Qorti, bis-saħħa ta' żewġ digrieti separati tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu 2012 u tal-15 ta' Ottubru 2012, ordnat lill-esponenti sabiex iwettaq id-depożitu kif mitlub minn J.T.E. Limited-b'dan li għamlitha ċara li l-kwistjoni jekk effettivament l-aġir tal-esponenti kkaġunax danni lis-soċjeta' konvenuta f'dawn il-proċeduri kellha tiġi determinata fi proċedura ad hoc;*

(6) *Illi in eżekuzzjoni ta' dik l-ordni l-esponenti wettaq id-depożitu permezz ta' żewġ ċedoli separati – stante li fil-frattemp il-koppja Attard kienu sseparaw legalment minn xulxin, waħda numru 99/2013 fil-konfront ta' Ivan Attard u l-oħra numru 100/2013 fil-konfront ta' Noemi Attard; f'liema ċedoli huwa għamilha ċara li huwa kien qed jiddepożita l-ammont mitlub de proprio, u mhux minn flus is-sekwestrati, u assuġġetta dak id-depożitu għall-kundizzjoni li s-somma hekk iddepożitata għandha tibqa' hekk iddepożitata sakemm ikun hemm deċiżjoni finali dwar jekk l-esponenti huwiex obbligat jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet ta' J.T.E. Limited għal danni kontra l-esponent, dwar jekk tali pretensjonijiet fil-konfront tas-sekwestrati humiex ġustifikati jew le, u in ġenerali dwar min huwa intitolat li jiżbanka l-flus hekk iddepożitati;*

(7) *Illi fid-9 ta' Mejju 2013, is-soċjeta' intimata intavolat rikors fejn, abbużivament u f'tentattiv li tevita li tinvestiga l-kwistjoni jekk l-aġir tal-esponenti kkaġunalhiex danni ossia le, u meta inoltre ma kellha l-ebda titolu eżekuttiv fil-konfront ta' l-esponenti, talbet li tiżbanka l-flus iddepożitati bis-saħħa ta' dawk iż-żewġ ċedoli. L-esponenti sar jaf bir-rikors u ppreżenta risposta fejn oppona ruħu għat-talba ta' J.T.E. Limited għar-raġunijiet hemm indikati. Fil-fehma tal-esponenti tali risposta tikkwalifika għall-finijiet tal-artikolu 375 tal-Kap. 12';*

(8) *Illi peress li kien għadu ma ngħatax digriet finali fuq it-talba ta' J.T.E. Limited u l-esponenti hass il-bżonn li jikkawtela l-pożizzjoni u d-drittijiet tiegħu, huwa ppreżenta mandat ta' sekwestru sabiex ir-Registratur tal-Qorti jiġi ordnat li ma jirrilaxxjax dawn il-flus sakemm ikun hemm deċiżjoni finali fuq min għandu d-dritt għal dawn il-flus; tali sekwestru nħareġ biss f'idejn ir-Registratur tal-Qrati ġewwa Għawdex u limitatamanet għall-flus iddepositati biċ-ċedoli ppreżentati mill-esponenti;*

(9) *Illi l-esponenti qiegħed jikkontesta l-pretensjoni ta' J.T.E. Limited li hija għandha xi dritt tiżbanka dawn il-flus għal diversi raġunijiet fosthom:*

a. *L-ewwelnett, il-mandat ta' sekwestru nħareġ fuq talba ta' J.T.E. Limited kontra Ivan Attard bla ma ngħataw il-konnotati tas-sekwestrati kif rikjest mil-Liġi, li suppost għandu l-karta tal-identita numru 29377(M). Ivan Attard li deher fuq il-kuntratt tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012 għandu l-Karta tal-identita' numru 293778(M). Biex jingħad kollox, jidher li s-soċjeta J.T.E. Limited irrealizzat bl-iżball tagħha għaliex fit-30 ta' Marzu 2012 hija ppreżentat nota fl-atti tal-Mandat fejn iddikjarat li "il-karta tal-identita' tas-sekwestrat Ivan Attard huwa 293778(M) u mhux kif erroneament indikat fl-okkju tal-Mandat ta' sekwestru odjern". Din in-nota, pero' baqgħet qatt ma ġiet innotifikata lill-esponenti. Barra minn hekk fil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma hemmx indikata l-parentela tal-intimati – kuntrarjament għal dak mitlub mil-liġi. Fit-termini tal-Artikolu 376(3) tal-Kap.12, in-nuqqas ta' xi waħda mill-konnotati tas-sekwestrati jirrendi l-mandat null ipso jure.*

b. *Fit-tieni lok, u interament mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirreferi għad-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-27 ta' Awwissu 2012 minn fejn jirriżulta ċar li "jekk ġewx ikkaġunati danni o meno (lill-kumpannija sekwestranti) għad irid jiġi stabbilit u ppruvat mis-soċjeta rikorrenti". Dan l-istadju sal-lum ċertament li għadu la biss ġie ndirizzat u wisq u wisq inqas deċiż. L-esponenti huwa ferm u konvint fil-fehma tiegħu li fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, fejn il-flus ma ġewx irrilaxxjati lill-persuni li suppost kienu dawk sekwestrati imma tħallas lil kredituri ipotekarji u privileġġjarji tagħhom li għandhom kreditu li jippregradwa dak ta' J.T.E. Limitd, din l-aħħar kumpannija ma setgħet sofriet l-ebda danni.*

c. *Fit-tielet lok, fil-mertu u interament mingħajr preġudizzju għall-premess, hija l-fehma tal-esponenti li l-aġir tiegħu effettivament ma kkaġuna l-ebda danni lis-soċjeta intimata għaliex il-flus li l-esponenti ħallas fl-interess tal-klijenti tiegħu ma marrux fil-but tas-sekwestrati imma marru biex tħallsu kredituri privileġġjati u ipotekarji tal-istess sekwestrati. Minn din il-perspettiva ma jistax jitqies li s-sitwazzjoni ta' kredituri mhux ipotekarji, u mhux ippregradwati, iktar u iktar kredituri li lanqas biss kien għad*

*għandhom titolu eżekuttiv kontra s-sekwestrati, giet b'xi mod jew iehor ippregudikata b'dan il-ħlas lil kredituri porżjuri.*

d. *Fir-raba lok, fit-termini tal-Artikolu 838B(1) mandat kawtelatorju jibqa' fis-sehh biss sa hmistax-il gurnata wara li s-sentenza fuq il-mertu għaddiet in gudikat. Fil-każ odjern, il-kawża in sostenn ta' dan il-mandat kienet ir-rikors Nru. 2/2012 quddiem il-Bord tal-Kera fl-ismijiet "J.T.E. Limited vs Ivan Attard et". Is-sentenza f'dik il-kawża ingħatat fit-13 ta' Lulju 2012 u għalhekk għaddiet in gudikat biss fit-2 ta' Awwissu 2013. Fit-termini tal-artikolu appena ccitat, sabiex il-mandat jibqa' fis-sehh, kien meħtieg li s-sekwestrant jippreżenta nota li biha jirrendi eżekuttiv il-mandat fi żmien hmistax-il jum mit-2 ta' Awwissu. La darba din in-nota ma gietx ippreżentata f'dak it-terminu, skont dispożizzjoni espressa tal-ligi, l-mandat kien skada b'effett mis-17 ta' Awwissu 2012.*

e. *Fil-hames lok, is-socjeta intimata qed timpunja l-kuntratt li fuqu deher l-esponent u li permezz tiegħu ħallas il-kreditu tal-Bank of Valletta plc kontra s-sekwestrati – u dan permezz ta' kawża pendenti quddiem din il-Qorti fl-ismijiet 'J.T.E. Limited vs Attard Ivan et' Rikors Guramentat Nru 88/2012. Jekk is-socjeta intimata tirnexxi fil-pretensjonijiet tagħha kif dedotti f'dik il-kawża, ikun ifisser li għandu jkun hemm ir-restitutio in integrum għall-istat antecedenti l-iffirmar ta' dak il-kuntratt. Għaldaqstant, it-talba tal-istess socjeta' għall-iżbank tal-ammont iddepositat mir-rikorrenti hija kunfliggenti mat-talba għall-annullament tal-kuntratt li fuqu sar il-pagament lill-Bank of Valletta plc.*

*Għid għalhekk inti konvenuta għaliex ma għandhiex din il-Qorti, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u sussidjarja:*

1. *Tiddikjara li l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju Nru. 42/2012 JD fl-ismijiet 'J.T.E. Limited vs Ivan Attard et' huwa u kien minn dejjem ipso jure null, kemm għaliex ma kienx jikkontjeni d-dettalji kollha rikjesti mill-ligi kif ukoll għaliex id-dettalji mogħtija mir-rikorrenti kienu skorretti;*

2. *Sussidjarjament tiddikjara li fid-dawl tal-fatt li d-dettalji tas-sekwestrati jew almenu ta' wieħed minnhom mogħtija minn J.T.E. Limied kienu skorretti, il-bank attur ma jistax jitqies li b'xi mod kiser l-ordni tal-Qorti meta huwa ħallas flus fl-interess ta' persuna li kellha konnotati differenti minn dawk innotifikati lilu;*

3. *Sussidjarjament tiddikjara illi darba l-mandat ta' sekwestru tilef l-effetti kollha tiegħu, hekk ukoll tilef l-effetti kollha tiegħu fil-konfront tar-rikorrenti bħala wieħed mis-sekwestratarji;*

4. *Ukoll sussidjarjament tiddikjara li l-kwistjoni jekk bl-agir ta' l-esponenti gewx ikkagunati danni lil J.T.E. Limited ghadha ma gietx investigata u deciza u ghalhekk it-talba ta' J.T.E. Ltd sabiex tirtira u tizbanka l-flus iddepositati bis-sahha tac-cedoli Nri 99/2013 u 100/2013 hija prematura u intempestiva u konsegwentement ghandha tigi michuda;*

5. *Tiddikjara u tiddeciedi li effettivament, bl-agir ta' l-esponenti meta deher fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012 ma gew ikkagunati l-ebda danni lis-socjeta' intimata u dan ghar-ragunijiet fuq premessi u ghal dawk ir-ragunijiet l-ohra li ser jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

6. *Konsegwentament tordna r-rilaxx tal-flus iddepozitati mill-bank attur bis-sahha tac-cedli Nri. 99/2013 u 100/2013 lill-istess bank attur;*

7. *Sussidjarjament tiddikjara li fid-dawl tal-kawza Nru 88/2012 fuq riferta, kwalunkwe talba da parti tas-socjeta' intimata sabiex tigi awtorizzata tirtira l-flus iddepositati mill-bank attur hija prematura u ghandha tigi michuda almenu sakemm ikun hemm decizjoni finali fuq dik il-kawza.*

*Bl-ispejjez tal-proceduri kollha fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Nru 42/2013 u tac-cedoli Nri. 99/2013 u 100/2013 inkwantu dawn jirrigwardaw lir-rikorrenti, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru pprezentat mir-rikorrenti, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa msejha.*

**Rat** ir-risposta tal-konvenuta Noemi Attard ippreżentata fid-29 ta' Lulju 2013 fejn eċċepiet:

1. *Illi l-esponenti ma ghandha u qatt ma kellha xi relazzjoni guridika ma' HSBC Bank (Malta) Plc.*

2. *Illi jidher illi din it-talba hija aktar diretta kontra l-konvenuta J.T.E. Limited, u tifhem illi l-pozizzjoni taghha f'din il-kawza bhala imharrka "ghal kull interess li jista' jkollha" hija wahda merament ghall-integrita' tal-gudizzju. Bhala tali hija ma ghandhiex tbati spejjes.*

3. *Illi filwaqt li tirrimetti ruhha ghal provi migjuba u ghad-decizjoni tal-qorti hija tosserva biss is-segwenti u tirriserva li telabora fuqhom fl-istadju tal-provi taghha:-*

    I. *Illi hija flimkien ma' zewgha kienet debitrici fil-konfront ta' Jason u Frances Attard, ghal negozju (going concern) akkwistat minghandhom.*

    II. *Illi hija ma baqghetx topera dan in-negozju li baqa' jigi operat minn zewgha li spicca kisser dan l-istess negozju.*

    III. *Illi l-konjugi Attard baqghu jinsistu ghal flushom, u l-uniku mezz li kien hemm kif jithallsu kien billi l-esponenti u zewgha ibieghu id-dar matrimonjali taghhom fin-Nadur.*

IV. *Ili fuq din id-dar kien hemm dejn naxxenti minn self favur il-Bank of Valletta Plc sancit bi privilegg u ipoteka.*

V. *Il-konjugi Attard ghazlu li jixtru d-dar huma stess billi jhallsu d-dejn li kien hemm ma' Bank of Valletta Plc u tithallas l-ipoteka u privilegg u l-parti l-ohra ipacuha ma' dak li kien dovut lilhom.*

VI. *Illi ghal dan il-ghan il-konjugi Attard hadu self minn ghand il-Bank attur.*

VII. *Il-bank attur b'delega tal-konjugi Attard hallas id-dejn li kien hemm fuq id-dar tal-esponenti.*

VIII. *Illi dawk il-flus qatt ma kienu dovuti lill-esponenti jew lil zewgha. Dawk kienu flus ta' min issellifhom (il-konjugi Attard), li b'delega taghhom thallus lil Bank of Valletta plc.*

IX. *Illi l-esponenti qatt ma rat dawn il-flus f'idejha u hi qatt ma kellha xi tip ta' relazzjoni guridika jew kontrattwali ma' HSBC Bank Malta Plc.*

X. *Illi kuntrarjament ghal dak li tallega J.T.E. Limited kull parti f'dan il-kuntratt kienet dejjem in bwona fede.*

**Rat** ir-risposta ta' Ivan Attard ippreżentata fit-2 ta' Awwissu 2013 fejn eċċepixxa:

1. *Illi minn qari tar-rikors guramentat huwa car li l-vertenza odjerna tirrigwarda interament u esklussivament lis-socjeta rikorrenti bhala sekwestratarja u s-socjeta' intimata J.T.E. Limited bhala sekwestranta fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 42/2012 fl-ismijiet J.T.E. Limited vs Ivan Attard et. Din il-vertenza ghandha zewg ramifikazzjonijiet: (a) it-talba tas-socjeta' J.T.E. Limited prezentata fil-hdax (11) ta' Gunju 2012 sabiex is-socjeta' rikorrenti tigi ordnata tiddeposita l-ammont ta' €15,168.17, liema ammont is-socjeta' J.T.E. Limited qed tghid li s-socjeta' rikorrenti kellha f'idejha u li allegatament naqset li tiddeposita wara li s-socjeta' rikorrenti kienet gia giet notifikata bil-mandat ta' sekwestru numru 42/2012; kif ukoll (b) it-talba tas-socjeta J.T.E. Limited sabiex hija tigi awtorizzata tizbanka l-flus depositati mis-socjeta rikorrenti. Dan ifisser ghalhekk li l-esponenti Ivan Attard ma kellu qatt jigi citat bhala intimat f'dawn il-proceduri stante li huwa kompletament estraneju ghal tali vertenzi u dan kif sejjer jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kaz. Difatti t-talbiet proposti mis-socjeta rikorrenti ma jinvolvux direttament lil Ivan Attard u s-socjeta rikorrent ma hi qed titlob l-ebda kundanna fil-konfront ta' Ivan Attard. Dan johrog bic-car anke mill-paragrafu li jintroduci t-talbiet li jispecifika; "Ghid ghalhekk inti konvenuta ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u sussidjarja...."*

2. *Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess din il-kawza wkoll saret inutilment fil-konfront ta' Ivan Attard anke ghaliex is-socjeta' rikorrenti gia adegwatament ikkawtelat il-posizzjoni taghha fil-konfront ta' Ivan Attard bis-sahha ta' kuntratt datat tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju 2013 pubblikat fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech (Dokument A). Bis-sahha ta' dan il-kuntratt l-intimat eccipjenti ikkostitwixxa ruhu very, cert u likwidu debitur fil-konfront tas-socjeta attrici fl-ammont ta' sebat elef sitt mija u hamsa u sittin ewro u erbgha u tmenin ewro centezmi (€7665.84). Dan ifisser ghalhekk li fil-konfront tal-esponenti – irrispettivament mill-ezitu ta' dawn il-proceduri -is-socjeta' rikorrenti gia' ghandha f'idejha titolu ezekuttiv li tippermettilha sabiex tigbor l-ammont dovut lilha minghand l-esponenti tramite l-proceduri ta' esekuzzjoni idoneji. Isegwi ghalhekk li fi kwalunkwe kaz, anke jekk jirrizulta li l-presenza tal-intimat kienet necessrja ghall-integrita tal-gudizzju, xorta l-konvenut ma ghandux ibati spejjez ta' din il-kawza;*

3. *Salvi u impregudikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;*

4. *B'riferenza ghall-paragrafi tar-rikors ġuramentat, l-esponent jirrileva li dak sottolineat minn paragrafu numru wiehed (1) sa paragrafu numru tmienja (8) johrog minn proceduri li saru u dokumenti ufficjali u ghaldaqstant mhux qieghed jigi kontestat. B'riferenza ghad-disgha (9) paragrafu, is-socjeta' rikorrenti qeghdha telenka l-kontestazzjoni taghha ghall-pretensjonijiet tas-socjeta JTE Limited, ghal liema pretensjonijiet u kontestazzjonijiet l-intimat Ivan Attard huwa ghal kollox estraneju.*

**Rat** ir-risposta tas-soċjetà J.T.E. Ltd preżentata fit-12 ta' Awwissu 2013 fejn eċċepiet:

1. *Fl-ewwel lok, l-azzjoni attrici giet intavolata u mahlufa minn persuna mpjegata tas-socjeta' attrici illi m'huwiex debitament awtorizzat bl-artikolu ghaxra (10) tal-Memorandum tal-Assocjazzjoni tas-socjeta' attrici sabiex jirraprezentaha f'azzjonijiet gudizzjarji. Ghaldaqstant l-azzjoni attrici giet intavolata minghajr id-debita awtorizzazzjoni, hija irritwali u konsegwentement is-socjeta eccipjenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju. Illi inoltre l-Ufficjal Ezekuttiv Principali tas-socjeta attrici m'ghandu l-ebda poter jiddelega lil kwalunkwe mpjegat sabiex jirraprezenta lill-istess socjeta attrici fi procedure gudizzjarji kif ghamel fil-kaz odjern u dan in omagg tal-principju delegatus non potest delegare. Illi tali poter ta' nomina delegata gie vestit mill-azzjonisti eskussivament fil-Bord tad-Diretturi u mhux fl-Ufficjali Ezekuttiv Principali tas-socjeta' attrici kif ser jintwera'.*

2. *Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici m'ghandhiex l-interess guridiku illi titlob ir-rilaxx tal-ammont iddepozitat permezz tac-cedola numru 99/2013 fl-ismijiet Is-Socjeta J.T.E. Ltd vs Ivan Attard stante illi l-imsemmi Ivan Attard iffirma att ta' kostituzzjoni ta' debitu mas-socjeta attrici ghall-ammont iddepozitat fl-imsemmija cedola.*

3. *Illi fit-tielet lok, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma ghal kollox irritwali u ma jistghux jintlaqghu stante illi l-akkoljenza taghhom tippresupponi it-twarrib tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-27 ta' Awwissu 2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 JD fl-ismijiet Id-Socjeta J.T.E. Ltd vs Ivan Attard, liema digriet is-socjeta attrici bl-ebda mod ma pprovat timpunja bl-azzjoni odjerna. Galdadarba l-imsemmi digriet m'hux qed jigi mpunjat mis-socjeta attrici kif kellha kull dritt tipprova taghmel imma madanakollu naqset illi taghmel, allura l-ordni cara ta' dina l-Qorti fl-imsemmi digriet tas-27 ta' Awwissu 2012 illi "Tenedo kont tac-cirkostanzi kollha u tenendo kont tal-proviso tal-artikolu 378 tal-Kap. 12, tordna lill-istess HSBC Bank Malta plc sabiex fi zmien gimgha millum jiddepozitaw l-ammont ta' hmistax-il elf mija u tmienja u sittin euro u sbatax-il centezmu (€15,168.17) ma tistax tigi infilcjata bl-ebda mod kif qed tittenta taghmel is-socjeta attrici bl-azzjoni odjerna illi ghandha, ghalhekk tigi michuda bl-ispejjez.*

4. *Illi fil-mertu, fir-rigward tal-ewwel talba attrici, m'hemm l-ebda lok illi l-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 JD fl-ismijiet 'Is-Socjeta J.T.E. Ltd vs Ivan Attard' jigi ddikjarat null ghax kien fih id-dettalji kollha rikjesti mil-ligi u ntlaqa' minn dina l-Onorabbli Qorti minghajr problema. Illi kien biss in-numru tal-karta tal-identita tas-sekwestrat Ivan Attard illi tnizzel erroneament, liema zball gie mmedjatament ikkorregut u s-sekwestatarji kollha, inkluz is-socjeta attrici gew debitament mgharrfa b'tali korrezzjoni kif ser jigi ppruvat. Illi fi kwalunkwe kaz, tali zball kien jikkoncerna wiehed biss mis-sekwestrati u fl-aghar ipotesi, il-mandat ta' sekwestru de quo certament huwa validu fir-rigward tas-sekwestrata l-ohra.*

5. *Illi fir-rigward tat-tieni talba attrici, is-socjeta' attrici stess ammettiet fir-risposta taghha tal-15 ta' Gunju 2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru succitat 'Illi l-esponenti jirrikonoxxi li interament bi zvista, meta gie ppubblikat il-kuntratt ta' bejgh fl-atti tan-nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012, huwa naqas milli jiehu konjizzjoni tal-esistenza tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju fuq iccitat". Altru ili n-nuqqas ta' osservanza da parti tas-socjeta attrici tal-ordni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex ma tirrilaxxax flejjes tas-sekwestrati fil-pussess taghha kienet b'xi mod ipprovokata minhabba illi originarjament in-numru tal-karta ta' identita' ta' wiehed mis-sekwestrati kienet zbaljata kif issa qed tipprova taghti x'tifhem is-socjeta' attrici b'malizzja evidenti. Ghaldaqstant, dina t-tieni talba ghandha ukoll tigi michuda.*

6. *Illi t-tielet talba attrici hija ghal kollox infundata in konsegwenza tal-fatt illi l-ewwel talba attrici bl-ebda mod ma tista' tigi accettata kif diga ntqal.*

7. *Illi fir-rigward tar-raba u hames talbiet attrici, dawn it-talbiet huma ghal kollox intempestivi stante illi s-socjeta konvenuta fl-ebda hin ma tablet il-likwidazzjoni tad-danni kkagunati lilha bl-agir tas-socjeta attrici. Illi t-talba tal-izbank tal-ammonti ddepozitati fic-cedoli ta' depozitu 99/2013 u 100/2013 bl-ebda mod ma sar ghab-bazi ta' xi talba ghal-likwidazzjoni ta' danni dovuti lis-socjeta'*

*konvenuta imma sar ghab-bazi tat-titolu ezekuttiv illi l-istess socjeta' konvenuta ghandha fil-konfront tal-konvenuti l-ohra, Ivan Attard u Noemi Attard. Ghaldaqstant, is-socjeta attrici m'ghandha l-ebda interess guridiku titlob dikjarazzjoni fir-rigward kif qed tikteb f'dawn it-talbiet meta s-socjeta konvenuta qatt s'issa ma talbet danni minghandha. Kontestwalment, is-socjeta' konvenuta qieghda tirriserva d-dritt illi tressaq talba ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kkawzati mis-socjeta' attrici bl-agir taghha f'data futura.*

8. *Illi in vista tas-suespost, m'hemmx lok l-anqas illi tintlaqa' s-sitt talba attrici.*

9. *Illi fir-rigward tas-seba' talba, il-kawza rikors mahluf numru 88/2012 JD hija res iter alios acta ghall-partijiet f'dina l-kawza stante illi s-socjeta' attrici m'hijiex parti fl-imsemmija kawza u ghaldaqstant, l-esitu tal-imsemmija kawza bl-ebda mod m'hu ser jaffetwaha jew ser jincidi fuq il-kawza odjerna. Illi rrispettivament mill-esitu tal-kawza msemmija, il-privilegg u l-ipoteka specjali illi s-socjeta' attrici ghandha fuq il-fond trasferit m'hux ser jittifes u ghaldaqstant, din it-talba tas-socjeta' attrici hija nieqsa ukoll mill-interess guridiku.*

10. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta;

**Rat** id-dokumenti esibiti;

**Semgħet** il-provi prodotti kif ukoll rat il-provi kollha li tressqu quddiem din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta;

**Rat** in-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet kif ukoll semgħet trattazzjoni orali;

**Rat** li fil-5 ta' Frar 2016, is-sitt u s-seba' talbiet tal-bank attur ġew ċeduti filwaqt li l-bank attur żamm ferm l-ewwel ħames talbiet tiegħu;

**Rat** l-atti kollha, inkluż l-atti tal-mandat ta' sekwestru 42/2012, u taċ-ċedoli 99/2013 u 100/2013 li ġew allegati ma' dan il-proċess ai termini tad-digriet tas-7 ta' Marzu 2014;

**Rat** ukoll l-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 85/2013 li ġie allegat ma' dan il-proċess fit-2 ta' Lulju 2020;

**Rat** li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

Qabelxejn, jiġi rilevat li già ngħatat sentenza in parte minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fit-2 ta' Ottubru 2015, li permezz tagħha ċaħdet

l-ewwel eċċezzjoni mressqa minn J.T.E. Limited, u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kawża bl-ispejjeż jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

Preliminarjament u in parentesti, din il-Qorti hekk kif ippreseduta rat li fit-28 ta' April 2017 il-bank attur talab li fir-rigward tas-sitt talba tar-rikors ġuramentat issir korrezzjoni fis-sens li wara l-kelma 'bank attur' jiżdiedu l-kliem 'u fid-dawl tal-fatt li dawk iċ-ċedoli llum ġew żbankati, tordna li l-ammont dovut lill-bank attur jitħallas minn fuq il-garanzija pprestata minn APS Bank.' Rat li l-Qorti hekk kif diversament ippreseduta laqgħet it-talba. Madanakollu, jirriżulta li din it-talba ġiet ċeduta fil-5 ta' Frar 2016, u għalhekk għal kull buon fini qed tirrevoka contrario imperio d-digriet tat-28 ta' April 2017 fejn ġiet ordnata korrezzjoni fis-sitt talba.

Inoltre, il-Qorti rat ukoll is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru 2020 bin-numru 88/12 fl-ismijiet J.T.E. Limited vs Ivan Attard et li ġiet esibita f'dawn l-atti stante li skont il-bank rikorrenti, peress li l-mandat li qed jiġi kkontestat b'din il-kawża kien in sostenn tat-talbiet f'dik il-kawża, dik is-sentenza għandha rilevanza għall-eżitu ta' din il-kawża odjerna. Madanakollu, minn kif sottolinjat minn J.T.E. Limited fin-nota tagħha tal-20 ta' Awwissu 2021, u kif ukoll mill-atti proċesswali jirriżulta li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 42/2012JD kien sar in segwitu għar-rikors ġuramentat numru 2/2012 li sar quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera kontra Ivan Attard u Noemi Attard, liema kawża ġiet deċiża fit-13 ta' Lulju 2012.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa l-provi prodotti.

**Provi Prodotti**

Fil-mori ta' din il-proċedura, xehdu varji persuni.

Xehed **Dr George Branca Leone** li x-xhieda tiegħu kienet tikkonċerna l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-socjetà intimata, liema eċċezzjoni già ġiet deċiża.

Xehdet **Dr Mandy Falzon** permezz ta' affidavit li fih spjegat li fl-2012 kienet taħdem bħala avukat fid-Dipartiment tal-Kuntratti tal-Bank HSBC Bank Malta plc. Spjegat li n-Nutar Kristen Dimech fix-xahar ta' April 2012, kien għaddielha sett dokumenti in konnessjoni mal-klijenti Jason u Frances Attard li kienu applikaw għal self ma' HSBC Bank Malta plc, sabiex jakkwistaw proprjetà fin-Nadur mingħand Ivan u Noemi Attard. Spjegat li meta kienet qed tagħmel il-vetting, għamlet tfittix fil-lista tal-mandati ta' sekwestri servuti fuq il-bank, u osservat li l-bank kien ġie notifikat b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 42/12 għall-ammont ta' €15,168.18ċ.

Spjegat li talbet parir mill-Uffiċċju Legali tal-HSBC Bank Malta plc, u ngħatat parir li dan il-bejgħ seta' jsir, peress li permezz tal-ħlas min-naħa tal-HSBC lill-kreditur pozjuri, is-sekwestrant kien ser ikun f'pożizzjoni aħjar sabiex jitħallas mill-vendituri Ivan u Noemi Attard. Qalet li dehret fuq il-kuntratt ta' self, u akkwist fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech fis-27 ta' April 2012 fejn ir-rikavat ta' bejgħ intuża biex tħallsu kredituri ipotekarji pozjuri għall-pretensjoni li a bażi tagħha kien inħareġ il-mandat ta' sekwestru. L-ebda parti mill-flus ma ġiet rilaxxata, jew ingħatat lil Ivan jew Noemi Attard. Spjegat li kieku ma tħallsux il-kredituri ipotekarji, il-kuntratt ma kienx isir.

In kontroeżami, hija kkonfermat li HSBC għaddiet il-ħlas lil BOV, sabiex il-BOV jikkanċella ipoteka li kien hemm fuq il-fond li kien ser jinxtara minn Jason u Frances Attard. Sostniet li l-parir legali li kienet ingħatat kien li, ġaladarba hemm kredituri f'dak il-każ, il-BOV, li kienu jiġu qabel il-mandat ta' sekwestru, il-flus kollha li kienu ser jinħarġu kellhom jiġu mgħoddija lil BOV. Sostniet li ġie stabbilit li l-BOV kienu jiggradwa qabel kredituri oħrajn, peress li kellhom ir-riċerki fil-pussess tagħhom. Mistoqsija kif il-bank iddeċieda li jieħu l-liġi b'idejh, u ladarba kien hemm l-ipoteka injora l-kredituri l-oħra, ix-xhud insistiet li hija mxiet fuq il-parir legali li kienet ingħatat. Ikkonfermat li solitament qabel ma jiġi *cleared* mandat ta' sekwestru, kuntratt ta' self u bejgħ ma jibqax għaddej. Sostniet li f'dan il-każ, il-flejjes kollha għaddew biex jissodisfaw kreditur, u ċjoè l-BOV li kien jippreċedi l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru.

Xehed **Jason Attard** li spjega li huwa kien xtara l-post tan-Nadur mingħand Ivan u Noemi Attard. Spjega li dawn kellhom jagħtuh il-flus, u sabiex iħallsuh, offrewlu l-post tagħhom fin-Nadur. Qal li huwa kien ħallas id-dejn li kien hemm fuq il-post fin-Nadur mal-BOV. Spjega li l-BOV ma setax jinqabeż, u għalhekk huwa ħa self mingħand l-HSBC, sabiex il-BOV jitħallas l-ammont li kien fadlilhom iħallsu Ivan u Noemi Attard. Ikkonferma li, wara li sar il-kuntratt, saret kawża kontra tiegħu, sabiex tittieħed lura d-dar li kien akkwista fin-Nadur, iżda dik il-kawża ntrebħet minnu. Sostna li huwa ma ħa l-ebda flus għax kulħadd paċċa ma' xulxin, filwaqt li l-banek irranġaw ma' xulxin.

In kontroeżami, huwa kkonferma li fuq il-proprjetà fin-Nadur li akkwista kien hemm dejn mal-BOV. Spjega li huwa ħa self mingħand HSBC, sabiex b'hekk seta' jitħallas il-BOV, u issa qed iħallas lura lil HSBC. Spjega li sar hekk għaliex huwa klijent tal-bank HSBC, u għalhekk ma riedx li jpaċċi l-ammont ma' Ivan u Noemi Attard, u jkompli jħallas is-self lil BOV billi jieħu self mill-BOV.

Xehed **George Xerri**, in rappreżentanza tal-BOV, li ppreżenta kopja ta' żewġ sanction letters li kienu nħarġu fir-rigward ta' Noemi u Ivan Attard, waħda li nħarġet fl-2003 għas-somma ta' Lm19,000 u ta' Lm3600, u l-oħra li nħarġet fl-2006 għas-somma ta' Lm6,000. Spjega li mbagħad kien hemm sanction letter oħra li nħarġet fl-2011 li ma għandhiex x'taqsam ma' dan il-każ. Iż-żewġ

sanction letters inħarġu sabiex jixtru proprjetà fin-Nadur, Għawdex u jagħmlu l-finishings. Ikkonferma li l-BOV ħarġet ittra ta' kanċellament fil-25 ta' Awwissu 2012 u d-dejn tħallas kollu.

Xehed **Ivan Attard** li huwa kien daħal f'relazzjoni ma' J.T.E. Limited meta beda jopera snack bar fix-Xlendi, Għawdex, li kien kera mingħand l-istess kumpanija. Qal li meta kien beda s-separazzjoni minn mal-mara tiegħu, kienu ddeċidew li ma jibqgħux jikru l-fond u joperaw dan in-negozju. Sostna li huwa qatt ma daħal fil-kwistjonijiet li għandhom bejniethom l-HSBC u J.T.E. Limited. Huwa kien debitur tal-bank HSBC, iżda ma kienx hemm il-ħtieġa li din il-kawża tinfetaħ kontra tiegħu, u dana għaliex sa minn qabel ma nfetħet il-kawża, huwa kien laħaq ftehim mal-HSBC permezz ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 23 ta' Mejju 2013. Spjega li għalhekk HSBC kellu titolu eżekuttiv permezz ta' dan il-kuntratt, li fuqu seta' jieħu passi legali f'każ li l-flus li kienu dovuti minnu lilu ma jitħallsux. Sostna li għalhekk huwa ma kellux jiġi mdaħħal f'din il-kawża.

In kontroeżami, huwa kkonferma li hu u l-eks mara tiegħu kellhom dejn fuq il-proprjetà fin-Nadur. Sostna li Jason u Frances Attard xtraw il-proprjetà fin-Nadur bid-dejn b'kollox. Spjega li in vista ta' dan, huwa ma kienx baqagħlu xi jħallas lil BOV. Sostna li l-HSBC kien ħallas is-self dovut lil BOV. Ikkonferma li huwa għamel kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, peress li l-HSBC kienu avviċinawh u sostnew li jekk l-kawza tinqata' kontrihom, huma riedu jkollhom garanzija ta' ħlas għal sehmu. Huwa sostna li ħallas xi ammonti li huma dovuti lil J.T.E. Limited.

Xehdet **Georgina Gauci**, in rappreżentanza tal-BOV, li spjegat li fis-27 ta' April 2012 kienu nqatgħu xi *loans* fl-ammont ta' €64,200. Dawn tħallsu permezz ta' ċekk maħruġ mill-HSBC.

Xehed **Angelo Parnis**, in rappreżentanza tal-HSBC Bank Malta plc, li spjega li Noemi Attard ma għandhiex kontijiet mal-Bank. Ilha ma tkun klijenta ma' dan il-bank mill-2005. Ix-xhud lanqas ma rnexxielu jsib xi kuntratt li ġie ffirmat bejn Noemi Attard u l-istess bank.

Xehdet **Noemi Portelli** li spjegat li l-post tagħha, u tal-eks raġel tagħha, inbiegħ lil Jason Attard. Sostniet li l-eks raġel tagħha kien għamel ħafna djun, u lanqas kellha x'titma' lil uliedha. Sostniet li meta nbiegħ il-post fin-Nadur, hija ma ħadet xejn mill-flus. Hija spjegat li ma tiftakarx jekk kinitx ġiet avviċinata mill-HSBC biex trodd xi flus lura.

Xehed **Dottor Joseph Ellis** li spjega r-rendikont li ġie ppreparat dwar dak li għadu dovut lil J.T.E. Limited minn Ivan u Noemi Attard.

**Ikkunsidrat:**

Qabel ma teżamina t-talbiet u l-eċċezzjonijiet tal-partijiet, il-Qorti sejra l-ewwel tanalizza x'wassal għal din il-kawża. Il-fatti saljenti huwa s-segwenti:

- Is-soċjetà attriċi kienet waħda mis-sekwestratarji fil-mandat ta' sekwestru kawtelatarorju 42/2012 JD fl-ismijiet J.T.E. Limited vs Ivan Attard u Noemi Attard, liema mandat ta' sekwestru ġie debitament notifikat lis-soċjetà attriċi fis-27 ta' Marzu 2012. Is-soċjetà rikorrenti odjerna ma kinitx notifikata b'nota li saret fl-atti ta' dan il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju, li permezz tiegħu n-numru tal-karta tal-identità ta' Ivan Attard ġiet kjarifikata li hija 293778M.

- Illi b'att pubblikat min-Nutar Kristen Dimech fis-27 ta' April 2012, permezz tal-ewwel parti tal-kuntratt, is-soċjetà attriċi silfet fondi favur il-konjuġi Jason Attard u Frances Attard, waqt illi fit-tieni parti tal-kuntratt l-istess Jason u Frances konjuġi Attard xtraw mingħand is-sekwestrati Ivan u Noemi Attard l-appartament numru 2, Tamborlin Court, Triq Ġużè Bonnici, in-Nadur. Fl-istess transazzjoni, parti mill-prezz ġie paċut ma' debitu dovut lill-kumpraturi mill-vendituri, waqt illi l-bilanċ tal-prezz tħallas lil kreditur ieħor tal-vendituri, Bank of Valletta plc. Permezz tal-aħħar parti tal-kuntratt, Bank of Valletta plc ikkanċella n-noti ta' ipoteka numri 406/2024 u 2044/2006.

- Wara l-pubblikazzjoni ta' dan l-att, is-soċjetà J.T.E. Ltd ippreżentat rikors ai termini tal-Artikolu 378 tal-Kap 12 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 42/2012, fejn għamlet referenza għall-kuntratt hawn fuq imsemmi, u ppremettiet illi HSBC Bank Malta plc u s-sekwestratarji l-oħrajn kienu ġew ordnati li ma jħallsux lid-debitur, jew lil xi persuna oħra flus jew ħwejjeġ illi kienu jinsabu għandhom, u dan taħt piena ta' ħlas tad-danni u l-imgħax kif dispost mill-Artiklu 376(2) tal-Kap 12. Illi dan l-aġir tal-bank sekwestratarju kien in kontravenzjoni tal-Artiklu 378 tal-Kap 12. Dan ir-rikors ġie notifikat lil HSBC fl-14 ta' Ġunju 2012, u l-istess HSBC Bank Malta plc irrispondiet fil-15 ta' Ġunju 2012. Għal dan ir-rikors, ingħata digriet fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 JD fis-27 ta' Awwissu 2012, fejn ġie degretat li HSBC Bank Malta plc kellu l-obbligu skont il-liġi li l-ammont li kien milqut bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju inkwistjoni ma jgħaddix għand l-istess debituri, u li għalhekk HSBC Bank Malta plc ivvjola l-Artikolu 378 tal-Kap 12.

- Fid-19 ta' Lulju 2012 , J.T.E. Limited ippreżentata nota ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kap 12 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 42/2012 (liema nota ġiet notifikata lil HSBC Bank Malta plc fil-31 ta' Awwissu 2012) u kif ukoll ippreżentat rikors sabiex dan il-mandat ta' sekwestru jinħareġ ukoll fil-konfront ta' Jason Attard u Frances Attard, liema rikors ġie milqugħ fit-8 ta' Awwissu 2012.

- Permezz ta' rikors datat 31 ta' Awwissu 2012, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 42/2012, HSBC Bank Malta plc talab lill-Qorti tirrevoka l-istess digriet datat 27 ta' Awwissu 2012. Dan ir-rikors kien ġie miċħud permezz ta' digriet mogħti fid-29 ta' Ottubru 2012.

- Fit-18 ta' Settembru 2012, HSBC Bank Malta plc ippreżentat kontromandat wara l-mandat ta' sekwestru 42/2012, liema kontromandat ġie miċħud permezz ta' digriet tal-15 ta' Ottubru 2012.

- Illi fl-1 ta' Novembru 2012, Ivan Attard ippreżenta talba għall-ħruġ tal-kontromandat fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 42/2012, liema talba ġiet miċħuda permezz ta' digriet tat-8 ta' April 2013.

- Illi fit-30 ta' April 2013, is-socjetà HSBC Bank Malta plc għamlet żewġ depożiti, fl-atti tal-mandat ta' sekwestru, permezz taċ-ċedoli ta' depożitu numri 99/2013 u 100/2013, fl-ammont ta' sebat elef ħames mija u erbgħa u tmenin ewro u disa' ċenteżmi (€7,584.09) kull wieħed għal total ta' ħmistax-il elf mija u tmienja u sittin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€15,168.18).

- Illi permezz ta' rikors daparti tas-soċjetà J.T.E. Ltd datat 17 ta' Mejju 2013, l-istess soċjetà talbet l-iżbank tal-ammonti depożitati. Illi permezz ta' digriet datat 27 ta' Ġunju 2013, in vista tal-fatt li s-soċjetà bankarja fetħet proċeduri sabiex jiġi dikjarat li hi ma kellha qatt tiġi ordnata tiddepożita l-ammont li ġie depożitat, peress li f'dak l-istadju l-flus li ddepożitat kienu tagħha, u mhux tas-sekwestrati, it-talba ta' J.T.E. Limited għall-iżbank ma ġietx milqugħa.

- Illi fil-31 ta' Mejju 2013, permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 85/2013, HSBC Bank Malta plc talbet lill-Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru f'idejn is-sekwestratarju Reġistratur tal-Qorti, Għawdex limitatament sabiex ma jirrilaxxax l-ammont kopert biż-żewġ ċedoli numru 99/2013 u 100/2013 lis-sekwestrat J.T.E. Limited. Dan il-mandat ġie akkordat fit-3 ta' Ġunju 2013.

- Illi fil-11 ta' Ġunju 2013, J.T.E. Limited ippreżentat rikors għal revoka tal-mandat ta' sekwestru 85/2013. Dan ir-rikors ġie miċħud permezz ta' digriet mogħti fl-10 ta' Jannar 2014.

- Illi s-soċjetà J.T.E. Limited, permezz ta' rikors ġuramentat numru 88/2012 JD, ipproċediet permezz tal-actio pauliana kontra l-kumpraturi, kif ukoll il-vendituri għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' bejgħ tal-proprjetà fin-Nadur, Għawdex. F'din il-kawża, HSBC Bank Malta Plc ma kinitx parti. Din il-kawża ġiet deċiża mill-Qorti tal-Appell, permezz ta' deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Novembru 2020 fejn ġew miċħuda t-talbiet tas-soċjetà J.T.E. Ltd.

**Ikkunsidrat:**

Fl-isfond ta' dan kollu, din il-Qorti sejra issa tqis it-talbiet magħmula kif ukoll l-eċċezzjonijiet imressqa.

Qabelxejn, ser tiġi trattata l-eċċezzjoni dwar nuqqas ta' interess ġuridiku. Permezz tat-tieni eċċezzjoni mressqa minn J.T.E. Limited, qed jiġi eċċepiet li l-bank attur ma għandux interess ġuridiku illi jkun hemm rilaxx tal-ammont iddepożitat permezz taċ-ċedola numru 99/2013, u dana peress li Ivan Attard iffirma att ta' kostituzzjoni ta' debitu mas-soċjetà attriċi għall-ammont iddepożitat f'tali ċedola. Anke l-intimat Ivan Attard eċċepixxa illi l-kawża saret inutilment fil-konfront tiegħu għaliex il-bank rikorrenti già kkawtela l-pożizzjoni tiegħu fil-konfront ta' Ivan Attard bis-saħħa ta' kuntratt pubblikat min-Nutar Kristen Dimech fit-23 ta' Mejju 2013.

Mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, jirriżulta illi dan il-kuntratt sar neċessarju, peress illi HSBC Bank Malta plc ġiet ordnata tiddepożita s-somma koperta mill-mandat ta' sekwestru 42/2012. Imbagħad, il-bank ipproċeda b'din il-kawża, fejn qed jattakka l-mandat ta' sekwestru bin-numru 42/2012.

Jirriżulta li fil-konfront ta' Ivan Attard, sar kuntratt preċedenti għall-intavolar ta' din il-kawża, fejn Ivan Attard ikkostitwixxa ruħu debitur mal-istess bank għall-ammont iddepożitat fl-imsemmija ċedola bin-numru 99/2013. F'dan il-kuntratt ġie miftiehem illi:

> "*Should the Creditor manage to withdraw the funds deposited in Court in terms of the above mentioned Schedule of Deposit, no interest shall be due by the debtor……parties agree that the amount referred to in this deed forms part of a larger amount which the Bank was requested to deposit in terms of the above-mentioned garnishee order. Parties agree that the debtor shall only be responsible for the payment of the amount indicated in this deed together with any interests/expenses in relation to this amount and the Bank shall not be entitled either to request the debtor to appear on another constitution of debt deed or to proceed legally against the debtor for the repayment of the remaining amount deposited by the Bank in terms of the schedule of deposit referred to above and*

*which is not covered by this deed. The Bank acknowledges that the repayment of the remaining amount and interest due which is not covered by this deed shall be the sole and exclusive responsibility of Noemi Attard.*"

Il-Qorti tqis li, irrispettivament mill-eżitu ta' din il-kawża, il-bank rikorrenti għandu titlu eżekuttiv li jippermettilu jiġbor l-ammont dovut lilu mingħand Ivan Attard. Din il-Qorti ma taqbilx li l-iskop wara dan il-kuntratt kien illi l-Bank ikollu garanzija ulterjuri f'każ illi l-bank ma jirnexxilux f'din il-kawża stitwita minnu. Ma hemm xejn x'jindika dan fl-istess kuntratt. Għal kuntrarju, fil-kuntratt hemm imniżżel ċar u tond li '*the above-mentioned debts are now due by the debtor*', u '*the bank may undertake not to file executive action against the debtor for as long as regular reductions of the debt are maintained*'. Minn imkien ma jirriżulta li kien hemm imniżżel li l-ħlas ta' dan l-ammont indikat jiddependi dwar l-eżitu finali ta' din il-kawża odjerna. Infatti, addirittura dan il-kuntratt seħħ qabel ma ġiet ippreżentata din il-kawża.

Din il-Qorti tqis li HSBC Bank Malta plc għad fadallu interess ġuridiku, u leġittimu, fit-talbiet tiegħu kontra s-soċjetà konvenuta, u ghal kull interess li jista' jkollha Noemi Attard, peress illi ċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 100/2013 tikkontjeni ammonti li ġew imħallsa, skont l-istess bank rikorrenti minn fondi tagħha stess, u mhux minn fondi sekwestrati tas-sekwestrat. Il-bank attur għad għandu kull interess ġuridiku u leġittimu li in vista tal-flejjes li ddepożita *de proprio*, u in vista li huwa wieħed mis-sekwestratarji fil-mandat ta' sekwestru numru 42/2012, jipproċedi biex jattakka l-mandat ta' sekwestu numru 42/2012 li wassal għall-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 100/2013.

Madanakollu, kif già ngħadd fir-rigward taċ-ċedola bin-numru 99/2013, huwa già għandu titlu eżekuttiv kontra l-istess Ivan Attard. Il-Qorti tissottolinja li fil-mori tas-smigħ it-talba għar-rilaxx tal-flejjes depożitati fiċ-ċedoli 99/2013 u 100/2013 ġiet ceduta mill-bank rikorrenti. Għaldaqstant, ġaladarba din it-tieni eċċezzjoni mqajma mis-soċjetà intimata kienet speċifikament eċċepieta in konnessjoni mat-talba għar-rilaxx tal-ammont iddepożitat permezz taċ-ċedola numru 99/2013, liema talba ġiet ċeduta mill-bank attur, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha.

Iżda fl-isfond tas-suespost, din il-Qorti tqis li fir-rigward ta' Ivan Attard, it-tieni eċċezzjoni tal-istess Ivan Attard sejra tiġi akkolta fis-sens li l-istess Ivan Attard ma għandux ibati spejjeż ta' din il-kawża.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina t-tielet eċċezzjoni mressqa mis-soċjetà konvenuta. Permezz tagħha qed jiġi eċċepiet li t-talbiet attriċi huma irritwali, u ma jistgħux jintlaqgħu għax l-akkoljenza tagħhom tippresuponi twarrib tad-digriet tas-27 ta' Awwissu 2012, liema digriet is-soċjetà attriċi bl-ebda mod ma ppruvat timpunja bl-azzjoni odjerna.

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex fost oħrajn tiddikjara l-mandat ta' sekwestru fl-atti bin-numru 42/2012 JD bħala null. Id-digriet tas-27 ta' Awwissu 2012, li ssir referenza għalih f'din it-tielet eċċezzjoni, huwa formanti parti mill-atti tal-mandat bin-numru 42/2012 JD, u għalhekk fl-eventwalità li din il-Qorti tgħaddi biex tiddikjara l-mandat ta' sekwestru bin-numru 42/2012 JD bħala wieħed null, dan ser ikollu effett ukoll fuq kwalsiasi digriet li ngħata fl-atti ta' dak il-mandat ta' sekwestru. Din il-Qorti ma tqisx li kien hemm il-ħtieġa li ssir talba speċifika biex digriet partikolari mogħti fl-atti ta' mandat ta' sekwestru jiġi impunjat mill-bank attur b'mod dirett. Bil-fatt li qed jiġi impunjat l-mandat ta' sekwestru per se, kwalsiasi deċiżjoni dwar tali impunjazzjoni ser ikollha effett u konsegwenzi legali fuq digrieti jew provvedimenti oħra li ngħataw fl-atti ta' dak l-istess mandat ta' sekwestru.

Din il-Qorti għalhekk mhijiex sejra takkolji din it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà intimata.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina r-raba' eċċezzjoni tal-intimata, li saret fid-dawl tal-ewwel talba tal-bank attur. Il-bank attur jargumenta illi kaġun tal-iżball fl-indikazzjoni tan-numru tal-karta tal-identità tas-sekwestrat Ivan Attard, il-mandat ta' Sekwestru numru 42/2012JD huwa ipso jure null.

Irriżulta li n-numru tal-karta tal-identità ta' Ivan Attard ġiet indikata b'mod erronju fuq ir-rikors għal talba ta' ħruġ ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 42/2012 JD. Jirriżulta li sussegwentement fit-30 ta' Marzu 2012, ġiet ippreżentata nota mis-soċjetà intimata li fiha ġie indikat in-numru tal-karta tal-identità ta' Ivan Attard b'mod korrett. Din in-nota iżda qatt ma ġiet notifikata lil HSBC Bank Malta plc.

Din il-Qorti qieset ix-xhieda tal-Avukata Dr Mandy Falzon, illi kkonfermat li waqt il-*vetting* li kienet tagħmel fuq self, li kien ser jingħata lil Jason u Frances Attard, u fuq it-titolu tal-proprjetà li kienet sejra tinbiegħ lilhom minn Ivan u Noemi Attard, irriżultalha li l-bank kien ġie servut bil-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 42/2012. Kien għalhekk li talbet parir legali mingħand it-taqsima tal-Pariri tal-Uffiċċju Legali tal-HSBC Bank Malta plc.

Mill-provi esibiti, għalhekk jirriżulta illi l-Bank fl-ebda stadju ma ġie żgwidat mill-iżball fuq il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju fejn in-numru tal-karta tal-identità tas-sekwestrat Ivan Attard ġie indikat skorrettament. Tant ma kienx żgwidat, li meta kien qed isir il-*vetting* dan il-mandat ta' sekwestru deher fuq is-sistema tar-riċerka tal-bank rikorrenti.

Din il-Qorti tqis li huwa minnu li l-Artikolu 376 tal-Kap 12 isemmi nullità ipso jure jekk jonqos xi element meħtieġ ad validitatem. Infatti, dan l-Artikolu jaqra:

*"(1) Il-kreditur għandu, fir-rikors għall-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru, jindika sew l-isem u l-kunjom tad-debitur, u dettalji oħra dwar id-debitur kif jista' jkun ordnat mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja sabiex id-debitur ikun jista' jiġi identifikat mis-sekwestratarju.*
*(2) Il-mandat għandu:*
*(a) jindika l-isem u l-kunjom tad-debitur u xi dettalji oħra mniżżlin fir-rikors għall-identifikazzjoni tad-debitur, inkluża fejn huwa possibbli, n-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni legalment validu jew in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija;*
*(b) jindika s-somma jew il-ħaġa dovuta;*
*(ċ) jindika t-titolu li bis-saħħa tiegħu l-kreditur jitlob l-eżekuzzjoni;*
*(d) jordna lis-sekwestratarju li ma jħallasx jew ma jagħtix lid-debitur, jew lil xi persuna oħra, il-flus jew il-ħwejjeġ li jistgħu jinsabu għandu u li huma tad-debitur, taħt piena ta' ħlas tad-danni u l-imgħax; u*
*(e) jordna lis-sekwestratarju biex jiddepożita, bi spejjeż tad-debitur fi żmien dsatax-il jum min-notifika tal-mandat, mar-Reġistratur xi flus jew ħwejjeġ li jkunu proprjetà tad-debitur, issekwestrati bil-mandat.*
*(3) Jekk is-sekwestru ma jkunx fih dawn id-dettalji, ikun ipso jure null."*

Madanakollu, f'dan il-każ, in-numru tal-karta tal-identità kienet miktuba, iżda kien hemm nieqes numru wieħed, u ċjoè n-numru '8'. Għaldaqstant, hawnhekk ma kienx każ fejn kien hemm element nieqes, iżda kien hemm informazzjoni li ma kinitx korretta minħabba żball tal-pinna.

Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Ottubru 2005 fl-ismijiet ITC LIMITED (C 10309), Mirachem Ltd. (C 8760), Coca Cola Ltd. (C 1901), Caffe' Operator Ltd. (C 28644), Orion Operators Ltd. (C 34795), Heineken Ltd. (C 2473), Mark Paul Camilleri (I.D. 223985 M), Charles Scerri (I.D. 106066 M), Aquatess Ltd. (C 334435), Food Industries Ltd. (C 6217), American Donuts Ltd. (C 20428), GAM Ltd. (C 5020), Frans Piscopo (I.D. 692358 M), Joseph Scerri (I.D. 567365 M), Michael Żarb (I.D.594251) vs LBM BREWERIES LIMITED fejn intqal:

*"Illi, qabel xejn, wieħed irid iqis l-implikazzjonijiet marbuta ma' talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju.*

*Dan qiegħed jingħad għaliex l-azzjoni tal-lum m'hijiex mibnija fuq eċċezzjoni, imma fuq talba speċifika bil-mod ta' azzjoni. Hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li l-kejl biex jitqies jekk att ġudizzjarju jiswiex jew le għandu jkun l-istess u bl-ebda mod anqas rigoruż jew saħansitra differenti, kemm jekk l-istħarriġ tal-Qorti jkun ir-riżultat ta' azzjoni specifika (ope actionis) kemm jekk tali stħarriġ ikun ir-riżultat ta' eċċezzjoni (ope exceptionis) imqanqla fir-rigward dwar dak l-att;*

*Illi jkun xieraq li jingħad mill-ewwel li l-każijiet li fihom l-eċċezzjoni tan-nullita' ta' atti ġudizzjarji tista' tingħata huma dawk imsemmija fis-sub-artikolu (1) tal-artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Dawn l-erba' (4) każijiet imsemmija f'dak l-*

*artikolu huma tassattivi, fis-sens li biex att ġudizzjarju jitqies ma jiswiex, l-ilment irid bilfors jaqa' taħt il-parametri ta' xi waħda minnhom. Fil-każ tallum, l-atturi jgħidu li l-Mandat ta' Inibizzjoni jikser id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 789(1)(a)(ċ) u (d);*

*Illi, minbarra dan, bis-saħħa tal-bidliet li saru fil-liġi bl-Att XXIV tal-1995, l-eċċezzjoni ma tirnexxix lanqas (fejn mhix imsejsa fuq il-ħruġ tal-att ġudizzjarju minn qorti li mhix kompetenti) jekk in-nuqqas jew ksur ikunu jistgħu jissewwew taħt kull disposizzjoni oħra tal-liġi. Tifsira tajba ta' din id-disposizzjoni, flimkien ma' l-isfond li fih il-leġislatur wera li ried iqegħdha, hija mogħtija f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Salvino Busuttil et vs Agostino Baldacchino;*

*Illi, f'dan il-każ, il-liġi qegħda tagħmel riferenza għall-bidliet illi jistgħu jsiru f'att ġudizzjarju bis-saħħa tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12, ukoll kif mibdul fl-1995. L-għaref difensur tal-atturi ressaq l-argument li, ladarba l-Qorti li ħarġet il-Mandat ma ntalbitx (mill-kumpannija mħarrka, li kienet ir-rikorrenti fl-atti tal-Mandat) biex tordna l-bidla fl-isem tal-kumpannija intimata fl-atti tar-Rikors għal-ħruġ tal-Mandat, allura l-Qorti lanqas setgħat tordna tali tiswija minn jeddha. Dan l-argument huwa żbaljat għall-aħħar. Fl-ewwel lok, jirriżulta li t-Tweġiba mressqa mill-kumpannija intimata fl-atti tal-Mandat ma kienet qatt notifikata lill-kumpannija rikorrenti. Din, għalhekk, ma setgħet tkun taf qatt x'kien il-kontenut tat-Tweġiba, u ma setgħet titlob qatt li ssir xi korrezzjoni fir-rikors tal-Mandat. Minbarra dan, madankollu, l-artikolu 175(3) tal-Kap 12 jgħid espressament li l-Qorti tista' minn rajha u bla ma ssirilha talba minn xi waħda mill-partijiet, tordna t-tibdil jew tiswija ta' xi att ġudizzjarju, jekk jidhrilha li jkun hemm ħtieġa ta' dan;*

*Illi fis-soluzzjoni ta' din il-kwestjoni, il-Qorti trid tiddeċiedi billi timxi ma' dak li tgħid il-liġi, billi tħares il-jedd ta' kull parti li jkollha u tingħata smigħ xieraq, inkluż il-jedd li tista' tiddefendi sewwa l-każ tagħha, u twieżen il-mira li hija ma tintilifx fil-formaliżmu bla bżonn. Dan trid tagħmlu billi żżomm quddiem għajnejha dawn il-prinċipji bażiċi, magħduda magħhom dak li att ġudizzjarju għandu, safejn jista' jkun, ma jiġix imħassar jekk jista' jiġi salvat, u li l-qorti ma tintużax biex tippremja t-traskuraġni fit-tħejjija tal-atti li jitressqu quddiemha u tagħraf fejn żball ikun wieħed ġenwin;*

*Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita' tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali imputabbli għal difett ta' forma aktar milli ta' sustanza, liema difett ma jkunx jista' jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali. Issa, fil-każ tal-lum, id-difett lamentat mill-kumpannija attriċi huwa li l-isem tal-parti intimata ma kiex dak li għaliha jirreferi l-Mandat;*

*Illi wara li l-Qorti qieset sewwa il-kwestjoni fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, hija tasal għall-fehma li l-"iżball" fl-isem tal-parti intimata fil-Mandat ma jwassalx għan-nullita' tiegħu. L-ebda artikolu tal-liġi ma jipprovdi speċifikatament dwar l-identita' tal-persuna li għandha tkun notifikata b'att kawteltorju. Għalhekk, jidher li japplikaw f'dan ir-rigward id-dispożizzjonijiet proċedurali ta' indoli ġenerali li jirreferu għall-atti ġudizzjarji. Imma l-fatt waħdu li l-att jitressaq kontra persuna minflok oħra*

*ma jġibx in-nullita'. Il-persuna li tkun tharrket tista' dejjem tgħid li hija m'għandhiex x'taqsam mal-pretensjoni tal-parti li mexxiet kontra tagħha u titlob li tinħeles mill-osservanza.*

*Il-persuna li taħseb li kontra tagħha jmissu nħareġ dak l-att għandha l-għażla li titlob li tithalla tidħol fil-proċedura u tieħu sehem jew li tibqa' barra bla ma ġġarrab xejn. F'kull waħda minn dawn l-ipoteżi, l-att jibqa' dak li hu, u ma jkun milqut minn l-ebda nullita';*

*Illi fil-każ preżenti, l-Mandat intalab ukoll b'riferenza speċifika tan-numru tar-reġistrazzjoni ta' kumpannija kummerċjali. Joħroġ mill-atti li dak in-numru huwa fil-fatt in-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija attriċi ITC Limited. Dak in-numru kien ċar u identifikat sewwa fl-att tal-Mandat. Tant kien ċar li l-kumpannija attriċi ITC Limited tħoss li l-ħruġ ta' dak il-Mandat kontra kumpannija intimata li hija tqis bħala "ineżistenti" bin-numru tarreġistrazzjoni tagħha jorbotha xorta waħda. Fil-fehma tal-Qorti, id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 174(2)(e) tal-Kodiċi jservu sewwasew biex, kemm jista' jkun, l-identita' ta' min għandu jiġi notifikat b'att ġudizzjarju tkun tista' tiġi determinata għall-benefiċċju tal-parti nnifisha. Ma jidhirx sewwa li jingħad li n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kumpannija kummerċjali indikat f'att ġudizzjarju huwa anqas siewi mit-tismija tajba ta' isem il-kumpannija, jekk b'dak in-numru (uniku daqskemm uffiċjali, magħruf ukoll mill-awtoritajiet kompetenti skond il-liġi) l-identita' ta' dak il-korp ġuridiku tiġi stabilita bla ħjiel ta' dubju. L-istess jgħodd għall-karta tal-identita' fil-każ fejn il-parti notifikata jew imsemmija fl-att ġudizzjarju tkun presuna fiżika;*

*Illi mbagħad, il-formalita' ta' xi żball fl-isem ta' parti f'att ġudizzjarju trid titqies ukoll fid-dawl tal-kontenut innifsu tal-att. Jekk att ġudizzjarju jsemmi fatti jew jinkludi kawżali li minnhom wieħed jifhem għal min jirreferu, ma jkunx sewwa li xi ħadd jithalla jistaħba wara l-iżball fl-isem biex jaħrab mill-addebiti magħmulin fil-konfront tiegħu;*

*Illi, fl-aħħarnett, irid jingħad ukoll li skond l-artikolu 789(1)(ċ) tal-Kap 12 – li hija waħda mit-tliet kawżali li l-kumpannija attriċi ssejjes fuqhom it-tieni talba tagħha –biex jintlaqa' l-ilment tan-nullita' tal-att ġudizzjarju, irid jintwera li l-preġudizzju mġarrab mill-parti li tallega n-nullita' jrid ikun tali li ma jistax jitneħħa jekk mhux bit-tħassir tal-att. Fil-każ tal-lum dan il-preġudizzju ma ntweriex. Mhux hekk biss, iżda jirriżulta li l-kumpannija attriċi, fit-Tweġiba tagħha għar-rikors tal-kumpannija mħarrka, għamlet għadd ta' sottomissjonijiet fil-mertu biex turi għaliex il-Mandat ma kellux jinħareġ. Dan jixhed li l-oġġezzjoni tagħha li l-Mandat inħareġ kontra kumpannija oħra jew waħda fittizja ma kinitx bżżejjed biex iġegħilha tiddubita li fil-fatt il-Mandat intalab kontra tagħha. Jixhed ukoll li, minkejja n-nuqqas kostitutiv ravviżat, il-parti intmata kellha kull fakulta' biex tressaq 'il quddiem id-difiża tagħha u fil-fatt ressqitha bla xkiel ta' xejn;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li żball f'isem ta' parti msemmija f'att ġudizzjarju ma jwassalx għan-nuqqas ta' siwi ta' dak l-att."*

Fid-dawl tas-suespost, u ċjoè li n-nullità hija sanzjoni estrema, u li l-Artikolu 376 tal-Kap 12 jitkellem dwar ommissjoni ta' elementi li huma rikjesti ad validitatem, u mhux sempliċiment ta' żbalji tal-pinna, din il-Qorti tqis li ma għandhiex tilqa' l-ewwel talba tal-bank attur. Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-bank attur kien konsapevoli b'dan il-mandat ta' sekwestru, anke qabel ma sar il-kuntratt tas-27 ta' April 2012, u għaldaqstant, ma jistax jinqeda b'dan l-iżball tal-pinna, biex jargumenta li dan il-mandat ta' sekwestru kien null ipso jure. Din il-Qorti hija tal-fehma li dan l-iżball kien ta' natura de minimis li ma poġġa fl-ebda ħin lill-bank attur f'xi żvantagg u preġudizzju. Tant hu hekk li minkejja dan l-iżball, irriżulta li l-bank rikorrenti nnifsu fehem li l-parti intimata kienet Ivan Attard. Għall-Qorti dan il-fatt mhux traskurabbli, u l-bank rikorrenti ma jistax juża dan l-iżball bħala skuża biex jitlob li dan l-istess mandat ta' sekwestru jiġi dikjarat null.

Għaldaqstant, l-ewwel talba tal-bank attur qed tiġi miċħuda.

Fuq l-istess linja ta' raġunar, lanqas it-tieni talba tal-bank rikorrenti ma hija sejra tintlaqa'. Kif anke sottolinjat fil-ħames eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, fir-risposta tal-bank rikorrenti ppreżentata fil-15 ta' Ġunju 2012 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 42/2012, l-istess bank rikorrenti odjern spjega li interament bi żvista, meta ġie ppubblikat il-kuntratt ta' bejgħ fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012, huwa naqas milli jieħu konjizzjoni tal-eżistenza tal-mandat ta' sekwestru odjern. Agħar minn hekk, fis-smigħ ta' din il-kawża, irriżulta li ma kien hemm l-ebda żvista daparti tal-bank rikorrenti. Dan il-mandat ta' sekwestru kien a konoxxenza tal-bank rikorrenti waqt li kien qed isir il-vetting minn Dr Mandy Falzon, iżda fuq parir legali mogħti mit-taqsima konċernata fi ħdan l-istess bank rikorrenti odjern, ġie deċiż li s-self u l-kuntratt ta' bejgħ ikompli jiġi pproċessat, u l-flus jiġu mgħoddija lil BOV li kien kreditur ipotekarju.

Konsegwentement, il-bank rikorrenti lanqas ma jista' jinqeda b'dan l-iżball tipografiku sabiex b'xi mod jiġġustifika l-azzjoni li ħa, u ċjoè li ħallas flus fl-interess ta' persuna b'konnotati differenti minn dawk notifikati lilu. Huwa mill-aktar evidenti li f'moħħ il-bank rikorrenti ma kien hemm l-ebda dubbju li Ivan Attard bil-konnotati hekk kif notifikati lilu tramite l-mandat ta' sekwestru 42/2012JD, u Ivan Attard bil-konnotati korretti li kien wieħed mill-proprjetarji tal-proprjetà fin-Nadur, Għawdex, li kienet ser tinxtara mill-klijenti tal-bank rikorrenti Jason u Frances Attard, kien l-istess persuna. Per konsegwenza, anke it-tieni talba tal-bank rikorrenti sejra tiġi miċħuda.

Din il-Qorti sejra issa tgħaddi għall-eżami dwar it-tielet talba tal-bank rikorrenti fid-dawl tas-sitt eċċezzjoni mressqa mis-socjetà konvenuta. Kif anke spjegat fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank rikorrenti, din it-talba hija msejsa fuq dak li jistipola l-Artikolu 838B tal-Kap 12.

Din il-Qorti hija konsapevoli tal-fatt li l-kawża in sostenn tal-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 JD ġiet deċiża fit-13 ta' Lulju 2012, u kienet proprju dik miftuħa quddiem il-Bord li jirregola l-Kera fl-ismijiet J.T.E. Limited vs Ivan Attard et Rikors Numru 2/2012. Irriżulta wkoll li din għaddiet in ġudikat fit-2 ta' Awwissu 2012.

Mill-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 42/2012 jirriżulta li n-nota ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kap 12 saret minn J.T.E. Limited fid-19 ta' Lulju 2012 u din in-nota ġiet notifikata lil bank rikorrenti odjern, u ċjoè HSBC Bank Malta plc fil-31 ta' Awwissu 2012.

Din il-Qorti taqbel ma' dak li ddegretat din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fl-atti tal-kontromandat 261/12, wara l-mandat ta' sekwestru 42/2012 fit-8 ta' April 2013 fejn l-istess Qorti kienet qed titratta proprju talba li kien għamel Ivan Attard, sabiex jinħareġ kontromandat abbażi tal-fatt li J.T.E. Limited naqset milli tintavola fiż-żmien utli ta' ħmistax-il jum nota kif rikjest bl-Artikolu 838B tal-Kap 12 sabiex testendi l-effetti tal-mandat kawtelatorju. Il-Qorti spjegat:

"*Fil-kaz odjern, is-socjeta' intimate ottjeniet sentenza favuriha fl-ismijiet J.T.E. limited vs Attard et moghtija mill-Bord tal-Kera fit-13 ta' Lulju 2012. Dawk il-proceduri kienu saru abbazi ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69.*

*Illi s-socjeta' intimate pprezentat nota izda din giet prezentata fid-19 ta' Lulju 2012 u giet notifikata lis-sekwestratarji u debituri fil-31 ta' Awissu 2012.*

*Illi r-rikorrenti Ivan Attard qieghed isostni li tali nota kellha tigi pprezentata bejn it-2 ta' Awissu 2012 u s-17 ta' Awissu 2012 ossija ghoxrin jum wara l-ghoti ta' dik id-decizjoni.*

*Illi fl-ewwel lok, din il-Qorti taqbel ma' l-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrenti li nota ai termini tal-artikolu 838B(2) tal-Kap 12 ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il jum minn meta l-kawza tkun ghaddiet f' gudikat. Il-ligi hija wahda cara u ma thalli lok ghall-ebda interpretazzjoni ohra.*

*Madanakollu fil-kaz in kwisjtoni trid bilfors issir referenza ghall-artikolu 24 tal-Kap 69 li ukoll jistipola b' mod car li appell minn decizjoni tal-Bord tal-kera jista' jsir biss fir-rigward tal-artikolu 8 tal-Kap 69 jew dwar punt ta' ligi deciz mill-Bord. Fil-kaz odjern ir-rikors sar ai termini ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 u huwa evidenti minn qari ta' l-istess decizjoni li ma nghatat l-ebda decizjoni dwar xi punt ta' ligi. Ghalhekk anki skont l-istess Kap 69 hadd mill-partijiet ma seta' jappella mis-sentenza tal-Bord.*"

Din il-Qorti taqbel mas-suespost u qed tagħmlu tagħha.

In aggunta u bħala parentesi għandu jingħad li wieħed ma jridx jinsa li meta sar il-kuntratt tas-27 ta' April 2012 in konnessjoni mal-bejgħ tal-proprjetà fin-Nadur, il-mandat ta' sekwestru kien għadu ta' natura kawtelatorja, u għalhekk f'dak il-perjodu ta' żmien li fih sar il-kuntratt tas-27 ta' April 2012, ma kienx hemm neċċessità li ssir l-ebda nota ai termini tal-Artikolu 838B tal-Kap 12.

Per konsegwenza, din il-Qorti sejra tiċħad it-tielet talba tal-bank attur.

Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex teżamina r-raba' talba tal-bank attur fid-dawl tas-seba' eċċezzjoni tas-soċjetà intimata. Din il-Qorti tqis li ma rriżulta mill-ebda parti tal-atti proċesswali odjerni, u anke mill-ebda parti tal-atti l-oħra allegati ma' dan il-proċess, li saret xi talba mis-soċjetà J.T.E. Limited għal-likwidazzjoni ta' danni allegatament ikkaġunati lilha bl-aġir tal-bank rikorrenti odjern. Skont l-istess J.T.E. Limited (hekk kif ravviżat fis-seba' eċċezzjoni tagħha) hija talbet l-iżbank taċ-ċedoli bin-numri 99/2013 u 100/2013 (fl-atti ta' dawk l-istess ċedoli) abbażi tat-titolu eżekuttiv li tgawdi fir-rigward ta' Noemi u Ivan Attard.

In linea ma' kif formulata din ir-raba' talba, din il-Qorti qed tintalab sabiex tiċħad it-talba ta' J.T.E. Limited għar-rilaxx u żbankar tal-flus iddepożitati bis-saħħa taċ-ċedoli numru 99/2013 u 100/2013, għaliex sa issa għadha ma ġietx eżaminata l-kwistjoni dwar jekk bl-aġir tal-bank rikorrenti odjern ġewx ikkaġunati danni lil J.T.E. Limited. Madanakollu, fl-atti proċesswali, din il-Qorti ma għandha l-ebda talba daparti ta' J.T.E. Limited għal rilaxx u żbankar tal-flus depożitati fiċ-ċedoli fuq riferiti. Semmai tali argumentazzjoni u talba kellha ssir mill-bank rikorrenti odjerni fl-atti ta' dawk iċ-ċedoli ta' depożiti fl-eventwalità li ssir talba f'dan is-sens minn J.T.E. Limited, u mhux fil-każ odjern li permezz tiegħu qed tiġi mitluba dikjarazzjoni ta' nullità ta' mandat ta' sekwestru. Fl-ebda waħda mit-talbiet ma ġew attakkati ċ-ċedoli ta' depożiti magħmula, u għalhekk din il-Qorti ma tista' bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni tgħaddi biex tilqa' r-raba' talba tal-bank rikorrenti odjern.

Dwar imbagħad il-ħames talba tal-bank rikorrenti, din il-Qorti qed tintalab sabiex tiddikjara u tiddeċiedi li effettivament bl-aġir tal-esponenti meta deher fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012 ma ġew ikkaġunati l-ebda danni lis-soċjetà intimata. Issa, kulma ġie ppreżentat f'dan ir-rigward kienet kopja tal-ipoteka numru 406/2004, u kopja tal-ipoteka bin-numru 2044/2006. Ma ġew ippreżentati l-ebda riċerki mir-Reġistru Pubbliku fir-rigward ta' Ivan u Noemi Attard, sabiex din il-Qorti tkun tista' tqis jekk dak li qed jiġi allegat mill-bank rikorrenti odjern, u ċjoè li d-dritt tal-BOV li jitħallas il-flejjes dovuti lilu kien jippregradwa kull dritt tas-soċjetà intimata. Lanqas ma ġew ippreżentati riċerki ta' J.T.E. Limited sabiex din il-Qorti tkun tista' tivverifika li J.T.E. Limited kellux xi dritt li jippregradwa id-dritt tal-BOV. Dan iktar u iktar qed jingħadd in vista tax-xhieda mogħtija minn

Noemi Attard li sostniet bil-ġurament li hi u l-eks raġel tagħha kellhom diversi djun tant li lanqas kellha x'titma' lil uliedha. Din il-Qorti hija kompletament sajma minn provi li jissostanzjaw dak li ppremetta l-bank rikorrenti f'paragrafu c tat-tielet paġna tar-rikors ġuramentat promotur u fil-paragrafu 36 fil-ħmistax-il paġna tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-bank rikorrenti.

Din il-Qorti ma tqisx li l-bank rikorrenti ressaq provi sodisfaċjenti u eżawrjenti, sabiex jipprova li meta deher fuq il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech tas-27 ta' April 2012, ma ġewx ikkaġunati danni lis-soċjetà intimata. Ta' min jissottolinja li dak li għandha quddiemha din il-Qorti huwa li mal-kuntratt tas-27 ta' April 2012 atti tan-Nutar Kristen Dimech, għalkemm mhux kontestat li Ivan u Noemi Attard ma rċivewx fiżikament flus f'idejhom mingħand l-HSBC Bank Malta plc, flus mingħand HSBC Bank Malta plc ġew mislufa lil Jason u Frances Attard, sabiex imbagħad dawn il-flus għaddew fil-ġid ta' Ivan u Noemi Attard, biex b'hekk tħallas id-dejn li dawn l-istess Ivan u Noemi Attard kellhom mal-BOV in konnessjoni mal-proprjetà tagħhom fin-Nadur, Għawdex. Dana meta l-HSBC Bank Malta plc kien konsapevoli bil-mandat ta' sekwestru maħruġ fil-konfront ta' Ivan u Noemi Attard. Jekk dan il-fatt arrekax danni ommeno lis-soċjetà intimata ma jistax jiġi investigat minn din il-Qorti, peress li ma kellha l-ebda talba mis-soċjetà intimata, biex tindaga l-allegati danni li soffriet. Li kellha quddiemha din il-Qorti kienet talba daparti tal-bank rikorrenti li ma ġewx ikkaġunati danni lis-soċjetà intimata, talba li kif già ngħadd, ma tressqux provi suffiċjenti dwarha li jwasslu lil din il-Qorti li tilqa' l-istess talba.

Ulterjorment, din il-Qorti tirrimarka li l-ordni li ngħatat lill-bank rikorrenti fl-atti tal-mandat ta' sekwestru 42/2012 JD saret mhux minħabba danni allegatament ikkaġunati lis-soċjetà J.T.E. Limited, imma minħabba fondi li HSBC Bank Malta plc allegatament kellu u li għadda fil-ġid tas-sekwestrati nonostante li kien hemm mandat ta' sekwestru vigenti. Din il-ħames talba riedet tiġi kkunsidrata fid-dawl tas-sitt talba li ġiet irtirata mill-bank rikorrenti. Dana għaliex l-għan wara l-ħames talba tal-bank attur kien sabiex jekk tintlaqa', il-konsegwenza tkun li tintlaqa' s-sitt talba, u ċjoè li jiġi ordnat ir-rilaxx tal-flus iddepożitati mill-bank attur bis-saħħa taċ-ċedoli ta' depożitu numru 99/2013 u 100/2013 lill-istess bank attur. Minn dan jemerġi li l-bank attur kien qiegħed jikkonsidra li fl-eventwalità li jiġi dikjarat li J.T.E. Limited ma sofrietx danni bl-aġir tal-HSBC Bank Malta plc, ergo l-istess bank ikollu dritt li jiżbanka l-ammonti depożitati biċ-ċedoli numri 99/2013 u 100/2013. Madanakollu, kif già ngħadd, id-depożitu ġie ordnat li jsir għaliex HSBC Bank Malta plc ivvjola l-Artikolu 378 tal-Kap 12, peress li ġaladarba kien hemm mandat ta' sekwestru viġenti bin-numru 42/2012, l-istess Bank ma setax jarroga d-dritt lilu nnifsu li jippregradwa l-kredituri huwa stess.

Dwar is-sitt u s-seba' talbiet tal-bank attur, stante li dawn ġew irtirati hekk kif già spjegat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

Finalment, din il-Qorti qieset ukoll it-talbiet tal-bank attur fil-konfront ta' Ivan Attard u Noemi Attard li ġew inklużi bħala konvenuti għal kull interess li jista' jkollhom. Kif già ġie dikjarat iktar 'il fuq f' din is-sentenza, Ivan Attard ma għandux jiġi akkollat l-ebda spejjeż in konnessjoni ma' din il-kawża fl-isfond tal-kuntratt tat-23 ta' Mejju 2013 magħmul fl-atti tan-Nutar Kristen Dimech. Dwar Noemi Attard, din il-Qorti tqis li ġaladarba t-talbiet kienu diretti fir-rigward tas-soċjetà konvenuta, u ġaladarba din il-Qorti sejra tiċħad it-talbiet tal-bank rikorrenti, għandha tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Noemi Attard u tordna li ma għandhiex tbati spejjeż ta' din il-kawża.

## DECIDE

**Għar-raġunijiet hawn fuq esposti, din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-ewwel ħames talbiet tal-bank attur, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tas-sitt u s-seba' talbiet tal-bank attur stante li dawn ġew ċeduti mill-bank rikorrenti; tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni ta' J.T.E. Limited, tiċħad it-tielet eċċezzjoni ta' J.T.E. Limited, tilqa' in parti r-raba' eċċezzjoni ta' J.T.E. Limited, tilqa' l-ħames, is-sitt u s-seba' eċċezzjoni ta' J.T.E. Limited, tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Ivan Attard; u tilqa' t-tieni eċċezzjoni ta' Noemi Attard. Tordna li l-ispejjeż relatati mas-sentenza in parte mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta fit-2 ta' Ottubru 2015 jiġu sopportati mis-soċjetà J.T.E. Limited filwaqt li r-rimanenti spejjeż kollha għandhom jiġu sopportati mill-bank HSBC Bank Malta plc.**

**(ft) Dr Simone Grech**
**Maġistrat**

**(ft) John Vella**
**D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**